MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Numru 357/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**vs**

**Guido Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Guido Vella iben John Baptist u Teresa xebba Buhagiar imwieled Rabat fl-10 ta’ Lulju 1948 residenti 159 “Il-Girna” Triq Vincenzo Ciappara Mellieha u detentur tal-karta tal-identita’ numru 597248(M) gie akkuzat talli fl-4 ta’ Marzu 2005 kif ukoll fix-xuhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi

animmal gieghel lil istess isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikol 8(2) u 8(3) tal-Att 25 ta’ l-2001 Dwar il-Harsien ta’ l-Annimali.

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi zamm sistemi ta’ zamma ta’ annimali li ma jistghux jigu manfatturati, jinzammu sabiex jinbieghu jew jigu kkonsenjati jew isir uzu minnhom xort’ohra, sakemm ma jkunux mibnija u mizmuma, u jharsu dawk il-facilitajiet minimi ghat-trattament xieraq ta’ l-annimali. Dan bi ksur tal-artikolu 16 tal-Att 25 ta’ l-2001 Dwar il-Harsien ta’ l-Annimali.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ sejbnien ta’ htija tal-imputat tordna li l-annimali in kwistjoni ikunu konfiskati u mizmuma taht il-harsien tas-servizzi veterinarji u dana kif provdut taht l-Att 25 tal-2001 Dwar il-Harsien tal-Annimali.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AM3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li Dr. Chris Cardona ghall-imputat, ghar-rigward tal-annimali kollha li gew mehuda mir-razzett tal-imputat u li presentement jinsabu mizmuma taht il-harsien tas-servizzi veterinarji, iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat mhux ser jaghmel talba biex dawn l-annimali jigu ritornati lilu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni maghmula minn Dr. Chris Cardona ghall-imputat, il-Prosekuzzjoni mhux ser tinsisti aktar ghat-talba taghha kontenuta fit-Tahrika sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tal-imputat, il-Qorti tordna li l-annimali in kwistjoni ikunu konfiskati u mizmuma taht il-harsien tas-servizzi veterinarji u dana kif provdut taht l-Att 25 tal-2001 dwar il-Harsien tal-Annimali u konsegwentement l-istess Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tasjenti milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 8(2) u (3), 16 u 45(1) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Guido Vella, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali ta' l-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Guido Vella ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u mitt Liri Maltin (Lm100) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Guido Vella jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza nkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fit-Tahrika sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tal-imputat, il-Qorti tordna li l-annimali in kwistjoni ikunu konfiskati u mizmuma taht il-harsien tas-servizzi veterinarji u dana kif provdut taht l-Att 25 tal-2001 dwar il-Harsien tal-annimali, tilqa' it-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Guido Vella l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------